# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 19**

**Referenza kostituzzjonali numru 7/2016 MH**

**Raymond Spagnol**

***v.***

***Board of Management* tat-Teatru Manoel; u b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2016 ġie kjamat fil-proċeduri l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fl-14 ta' Lulju 2017 li biha dik il-qorti wieġbet għall-kwistjoni mibgħuta lilha mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Raymond Spagnol ["Spagnol"] kien fetaħ proċeduri fit-Tribunal Industrijali kontra l-*Board of Management* tat-Teatru Manoel ["il-*Board of Management*"]. B'deċiżjoni preliminari tas-27 ta' Jannar 2016 it-Tribunal Industrijali laqa' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u għalhekk il-każ waqaf hemm. Spagnol appella minn din id-deċiżjoni preliminari u, b'rikors tat-22 ta' Marzu 2016, talab lill-Qorti tal-Appell "tirrimandi (*sic*) l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi determinat jekk illi proċeduri (*sic*) tat-tribunal industrijali fl-ismijiet premessi jmorrux kontra l-provvedimenti tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6(1) tal-Kap. 319 (*sic*) tal-Liġijiet ta' Malta".

3. B'dikriet tal-25 ta' Mejju 2016 il-Qorti tal-Appell laqgħet it-talba u bagħtet l-atti lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> »Jiġi deċiż jekk il-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksirx id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 30(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta tqis:
>
> »i. il-mod kif jinħatar *chairperson* tat-tribunal;
>
> »ii. *security of tenure* ta' *chairperson* tat-tribunal.«

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wieġbet hekk fis-sentenza li minnha sar dan l-appell:

> »1. Twiegeb għall-kwistjoni riferuta lilha mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bid-digriet tagħha tal-25 ta' Mejju 2016 billi ssib li l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jikser id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta tqis:- (i) il-mod kif jinħatar *chairperson* tat-tribunal; u (ii) *security of tenure* ta' *chairperson* tat-tribunal;

»2. Għandha tkun il-qorti riferenti li tiżen dawn iċ-ċirkostanzi hi u tevalwa l-appell li għandha quddiemha minn Raymond Spagnol għal fini ta' rimedju;

»3. Għalhekk tordna lir-reġistratur sabiex jirrimanda l-atti tal-appell inferjuri lill-qorti riferenti sabiex dik il-qorti tkun tista' taqta' u tiddeċiedi l-każ skont dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-lum.«

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Prim'Awla għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»Il-qorti referenti qiegħda titlob direzzjoni mingħand din il-qorti fir-rigward ta' żewġ aspetti partikolari li jirrigwardaw il-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali, u *cioè* dwar il-mod kif jinħatar *chairperson* tat-tribunal kif ukoll dwar is-*security of tenure* tiegħu. Li jrid jiġi evalwat huwa jekk fir-rigward hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti skont l-artikolu 39(2) Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

»… … …

» … … … il-qorti sejra tgħaddi biex tqis il-mertu tal-każ tal-lum li huwa limitat biss għall-komposizzjoni nnifisha tat-tribunal u *cioè* l-aspett tal-ħatra u l-aspett tas-*security of tenure* taċ-*chairperson*. … … ….

»Magħmula din l-osservazzjoni preliminari, jiġi senjalat immedjatament li peress li l-appellant Raymond Spagnol irreġistra t-tilwima tax-xogħol tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali fid-19 ta' Diċembru 2014, huma applikabbli għalih id-disposizzjonijiet tal-liġi kif viġenti f'dik l-epoka, u *cioè* qabel ma daħal fis-seħħ l-Att Nru XXXIII tal-2016.

»Fil-proceduri in eżami numru 3325, it-tribunal kien kompost mic-*chairperson* waħdu peress li dan huwa każ ta' allegata tkeċċija in-ġusta.

»L-artikolu 73(2) tal-Kap. 452 kif viġenti fl-epoka kien jipprovdi hekk dwar il-metodu tal-ħatra ta' *chairperson* -

> »"(2) Il-Prim Ministru għandu jaħtar *panel* ta' mhux aktar minn ħmistax-il persuna biex jagħmluha ta' *chairpersons* tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, hekk iżda li –
>
> »"(*a*) Għall-inqas tlieta mill-membri hekk maħtura jkunu avukati b'esperjenza ta' għall-inqas seba' snin;
>
> »"(*b*) Dawn il-persuni jiġu maħtura għal perjodu li ma jkunx aktar minn tliet snin mid-data tal-ħatra tagħhom u jistgħu jerġgħu jiġu mahtura mill-ġdid għal perjodi oħra li kull wieħed minnhom ma jkunx ta' aktar minn tliet snin;
>
> »"(*ċ*) Dawn il-persuni jservu bhala *chairpersons* jew wara xulxin jew skond it-tqassim tad-dmirijiet u suġġetti għal dawk id-disposizzjonijiet dwar rikuża u ċirko-stanzi oħra, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru."

»L-artikolu 73(6) tal-Kap. 452, kif viġenti fl-epoka in eżami, kien jgħid hekk dwar il-mod ta' kif jitneħħa *chairperson*:

> »"(6) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), jibdel l-għamla tal-lista msemmija f'dak il-paragrafu, iżda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' *chairperson* tat-Tribunal għandha, minkejja t-tneħħija ta' isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-proċedimenti li fihom tkun qed isservi bħala *chairperson* sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom."

»Eżaminati dawn l-artikoli l-qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-mod ta' kif kien jinħatar u jitneħħa *chairperson* ma jirrispekkjax il-garanziji ta' smigħ xieraq kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea.

»Dan wara li l-qorti qieset li:

»1. Għalkemm il-liġi tikkontempla l-konsultazzjoni tal-Prim Ministru mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali qabel ma jaħtar xi *chairperson*, id-deċiżjoni finali tibqa' tal-Prim Ministru, li bħala Kap tal-Eżekuttiv jista' jaqbel jew ma jaqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tal-kunsill imsemmi fil-kors tal-konsultazzjonijiet bejniethom. *Per se*, dan mhuwiex meqjus leżiv, tant li … huwa normali li l-eżekuttiv jaħtar il-membri tal-bord jew tat-tribunal hu stess.

»2. Dwar it-terminu tal-ħatra, għalkemm il-liġi tippermetti perjodu massimu ta' tliet snin, ma hemm xejn li jżomm lill-Prim Ministru milli jaħtar *chairpersons* għal perjodi iqsar. Għalkemm kif intwera fil-każ <u>Campbell and Fell *v.* UK</u>, perjodu ta' tliet snin huwa wieħed qasir, dan jista' jitqies suffiċjenti sakemm ikunu jeżistu garanziji oħra fil-liġi li jagħtu *security of tenure* lil min jokkupa dik il-kariga, garanziji li kif ser jiġi muri mhumiex sodisfatti fil-każ tal-lum.

»3. Infatti, meta jiġi meqjus is-suespost fil-kuntest tal-mod kif din il-kariga ta' *chairperson* tiġġedded u kif tista' tiġi mitmuma, ix-xenarju jinbidel. Huwa proprju hemm li l-leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tamplifika ruħha.

»4. Jirriżulta li għalkemm it-tiġdid ta' din il-kariga, u t-tneħħija ta' *chairperson* minnha, huma suġġetti għall-konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, huwa għal darb'ohra l-Prim Ministru li jieħu d-deċiżjoni finali dwarhom. Id-diċitura tal-liġi, partikolarment dik tal-art. 73(6) tal-Att, tixhed bl-aktar mod ċar l-intenzjoni tal-leġislatur li jakkorda l-*mano libera* lill-Prim Ministru li "kif jidhirlu xieraq" jista' jagħmel tibdil fil-lista tal-persuni li għandhom iservu ta' *chairpersons*. Il-Prim Ministru m'għandu bżonn il-kunsens ta' ħadd biex jieħu tali deċiżjonijiet, la hu obbligat jagħti xi raġuni għal dawn id-deċiżjonijiet tiegħu u lanqas huwa marbut bi kriterji jew obbligi oħra. Dan b'differenza tal-kriterji u obbligi li sussegwentement u ġustament ġew introdotti bl-emendi tal-Att XXXIII tal-2016.

»5. Il-protezzjoni minima mogħtija liċ-*chairpersons* fis-subartikolu 6 tal-artikolu 73 tal-Att, u *cioè* li hu jibqa' jservi fil-proċedimenti li fihom ikun qed iservi sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom, ċertament mhijiex suffiċjenti biex tegħleb in-nuqqasijiet fil-garanziji l-oħra meħtieġa għal fini ta' protezzjoni ta' dritt għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u

imparzjali. Jiġi nnutat ukoll li fir-rigward ta' każijiet futuri, *chairperson* jista' jitneħħa immedjatament.

»6. *Inoltre*, kif ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali stess fil-każ ċitat *General Workers Union v.* Avukat Ġenerali, liema osservazzjoni hija pjenament kondiviża minn din il-qorti **-**

> »"Għalhekk il-ħatra taċ-*chairperson* fih innifsu, u jekk dan jintemmx qabel it-terminu, jew jiġġeddidx, jiddependi mill-Prim Ministru. Iċ-*chairperson* huwa protett biss sakemm jintemmu l-proċedimenti li fihom ikun qed iservi. Anke jekk hu rikjest li għall-ħatra u għat-tneħħija taċ-*chairpersons* il-Prim Ministru għandu jikkonsulta ruħu mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, finalment hija deċiżjoni tiegħu biss.
>
> »"[…]
>
> »"Mhux inverosimili għalhekk l-argument tal-*union* li allura l-artikolu 73 jippermetti lill-Ministru (jew Prim Ministru skont il-każ), li jimplimenta passi "pseudo-dixxiplinarji" fuq iċ-*chairperson* … passi li ma huma soġġetti għal ebda reviżjoni jew ċensura.
>
> »"[…]
>
> »Meqjusa dawn il-fatturi kollha, il-qorti tirrileva li l-fatt li ġudikant ikun maħtur mill-gvern fih innifsu ma jfissirx li meta jkun qed jikkunsidra kwistjonijiet li jinvolvu l-gvern dan se jagħti lok għal nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza. Il-fatt waħdu li t-Tribunal Industrijali huwa magħmul minn persuni maħtura mill-gvern ma jfissirx li awtomatikament ser jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq meta individwu ikun ivolut f'każ kontra l-gvern, però dan dejjem sakemm jeżistu dawk il-garanziji li jassiguraw tali imparzjalità u indipendenza tat-tribunal. Din il-qorti hija tal-fehma li meta wieħed iqis fatturi bħall-mod kif iċ-*chairpersons* … jistgħu jitneħħew tant faċilment mill-Ministru jew Prim Ministru (skont il-każ) … l-indipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal Industrijali mhux talli ma jidhirx li qegħdin jiġu garantiti, talli *invece* qegħdin jitpoġġew fid-dubju u għalhekk qed jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem."

»Fid-dawl tas-suespost, il-qorti ma tistax tirriskontra l-indipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal Industrijali kif meħtieġa mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzoni Ewropea sabiex ikun garantit id-dritt ta' smigħ xieraq peress li l-liġi, kif viġenti f'dik l-epoka, tikkontempla ndħil kontinwu tal-eżekuttiv fil-ħatra u s-*security of tenure* taċ-*chairperson*. Anzi, il-komposizzjoni ta' dan it-tribunal hija ffurmata minn *chairpersons* li bil-liġi stess huma subordinati għall-*unfettered discretion* tal-Prim Ministru. Dan kollu bi preġudizzju serju għall-persuni kollha li jadixxu quddiem dan l-istess tribunal b'ilmenti kontra l-*employers* tagħhom bħal fil-każ odjern ta' Raymond Spagnol. Dan il-preġudizzju huwa ulterjorment amplifikat fil-każ tal-lum tenut kont tal-fatt li l-ilment tat-tkeċċija inġusta mressaq mill-appellant huwa kontra l-*Board of Management* tat-Teatru Manwel, liema *board* huwa maħtur mill-gvern ukoll.

»Għaldaqstant u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(2) tal-Kostituzzjoni.

»Isegwi li l-eċċezzjonijiet u l-argumenti tal-*board* intimat u tal-kjamat in kawża Avukat Ġenerali ma jreġux.

»*In fine*, u b'referenza għal xi argumenti oħra mressqa mill-kjamat in kawża Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-qorti tqis li l-fatt li Raymond Spagnol ma kienx talab ir-rikuża tac-*chairperson* li sema' l-każ tiegħu u lanqas kien issolleva l-kwistjoni tan-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tat-tribunal fil-mori tal-proċeduri quddiemu ma għandha ebda portata għall-konklużjonijiet tal-qorti fir-referenza tal-lum. L-istess jingħad għall-fatt li l-parti li pprovokat ir-referenza qajmet il-kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fi stadju meta l-proċeduri kienu waslu fi stadju t'appell u żmien wara li kienet diġà ngħatat is-sentenza fil-każ General Workers Union v. Avukat Ġenerali. Il-qorti tfakkar li ma hemm ebda preskrizzjoni għal azzjonijiet ta' din in-natura u *se mai* kwalunkwe "dewmien" li jista' jkun hemm fit-teħid ta' azzjoni da parti tal-persuna allegatament leża jista' jittieħed in konsiderazzjoni għal fini biss ta' rimedju mogħti, jekk ikun il-każ. Il-qorti lanqas ma taqbel mal-argument imressaq mill-Avukat Ġenerali li għax il-kwistjoni ġiet deċiża mit-tribunal purament fuq kwistjoni ta' terminu ta' dekadenza, li hu materja ta' ordni pubbliku, ma hemm ebda element ta' suġġettività mħolli f'idejn iċ-*chairperson*. Il-qorti anzi tirrileva li l-mertu tal-appell ta' Raymond Spagnol huwa proprju li l-każ tiegħu quddiem it-tribunal kien ġie intavolat *entro* t-terminu stabbilit mil-liġi, b'dana li għalhekk, f'każ ta' eżitu favorevoli għall-appell tiegħu, il-każ jerġa' jintbagħat quddiem it-tribunal sabiex jinstema' fil-mertu. B'hekk il-konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti fil-kuntest ta' smigħ xieraq *vis-à-vis* l-komposizzjoni tat-tribunal huma ta' rilevanza għal Raymond Spagnol.

»Għal dak li hu rimedju, il-qorti tqis li in kwantu din hija referenza kostituzzjonali, hija għandha toqgħod mat-termini tar-referenza mibgħuta lilha. Dak li talbet il-qorti referenti fil-każ tal-lum huwa biss deċiżjoni dwar jekk hemmx ksur ta' drittijiet fundamentali. Hija l-fehma ferma tal-qorti għalhekk li għandha tkun l-istess qorti referenti li tirregola ruħha u tipprovdi rimedju effettiv hi a bażi tas-sentenza tal-lum.

»… … …

»… … … din il-qorti, filwaqt li sejra twieġeb lill-qorti riferenti għall-kweżit imressaq minnha, tqis li l-istess qorti referenti għandha tkun hi li tagħraf timxi skont it-tweġiba li ser tingħatalha permezz ta' din is-sentenza.«

6. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors tal-24 ta' Lulju 2017. La Spagnol u lanqas il-*Board of Management* ma wieġbu għall-appell bil-miktub, iżda wieġbu waqt it-trattazzjoni bil-fomm.

7. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jolqot kwistjoni ta' applikabilità tal-liġi fiż-żmien, u ġie mfisser hekk:

»Illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta waslet għall-konklużjoni li liġi li ġiet abrogata hija leżiva tad-dritt għas-smigħ xieraq.

»Illi l-ewwel qorti osservat illi "l-appellant Raymond Spagnol irreġistra t-tilwima tax-xogħol tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali fid-19 ta' Diċembru 2014, huma applikabbli għalih id-disposizzjonijiet tal-liġi kif viġenti f'dik l-epoka, u *cioè* qabel daħal fis-seħħ l-Att nru XXXIII tal-2016". Illi l-esponenti ma jaqbilx ma' dina l-interpretazzjoni tal-ewwel qorti u dan *stante* li fil-frattemp dik il-parti tal-liġi li fuqha hija mibnija r-referenza ġiet abrogata u fl-ebda parti tal-Att nru XXXIII tal-2016 ma ġie inkluż xi provvediment fejn intqal li l-liġi kif kienet qabel ma saret tali abrogazzjoni kienet qiegħda tinżamm ħajja b'riferenza għal dawk il-każijiet li kienu ġew mibdija qabel il-bidu fis-seħħ tal-imsemmi Att numru XXXIII tal-2016.

»Illi fil-fehma tal-esponenti l-analiżi li kellha tagħmel l-ewwel qorti huwa tal-liġi viġenti u *cioè* tad-disposizzjonijiet applikabbli llum il-ġurnata u dan jorbot ukoll mal-fatt li f'każ li l-appell tal-parti li pprovokat ir-riferenza jintlaqa' mill-Qorti tal-Appell dik il-qorti tibgħat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali kif kompost skont l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att Nru XXXIII tal-2016.«

8. L-Att XXXIII tal-2016 – Att biex jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 – għadda b'liġi fit-28 ta' Ġunju 2016. Id-disposizzjoni transitorja tiegħu tgħid hekk:

»**7.** (1) L-emendi magħmulin b'dan l-Att għall-Att prinċipali għandhom japplikaw malli jsiru liġi hekk iżda li, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) hawn aktar 'l isfel, kull persuna li fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-imsemmija emenda tkun f'lista ta' *chairpersons* jew membri tat-Tribunal għandha titqies li tkun ġiet nominata għal perijodu ta' ħames snin li jibdew jgħoddu mid-data tal-aħħar ħatra tagħha.

»(2) Kull persuna li, għalkemm ma tkunx aktar tifforma parti mil-listi li hemm referenza għalihom fis-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 73 tal-Att prinċipali, tkun, fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għadha tifforma parti mit-Tribunal għas-smigħ ta' każijiet partikolari, għandha tkompli hekk tifforma parti mit-Tribunal skont id-dispożizzjonijiet tal-Att prinċipali għal massimu ta' sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.«

9. Id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ngħatat fis-27 ta' Jannar 2016 u għalhekk taħt id-disposizzjonijiet impunjati quddiem l-ewwel qorti. Madankollu, f'dak l-istadju Spagnol kellu dritt ta' appell, u fil-fatt appella, u għalhekk kull nuqqas fil-komposizzjoni tat-Tribunal Industri-

jali setgħet tagħmel tajjeb għalih il-Qorti tal-Appell, qorti indubbjament imparzjali u indipendenti[1].

10. L-ewwel qorti wriet il-preokkupazzjoni tagħha illi "f'każ ta' eżitu favorevoli għall-appell tiegħu, il-każ jerġa' jintbagħat quddiem it-tribunal sabiex jinstema' fil-mertu. B'hekk il-konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti fil-kuntest ta' smigħ xieraq *vis-à-vis* l-komposizzjoni tat-tribunal huma ta' rilevanza għal Raymond Spagnol".

11. Iżda jekk jintlaqa' l-appell ta' Spagnol, u l-każ jintbagħat mill-ġdid quddiem it-Tribunal Industrijali, il-komposizzjoni tat-tribunal tkun regolata bid-disposizzjonijiet ġodda imdaħħla bl-Att XXXIII tal-2016 li, kif rajna, id-disposizzjoni transitorja tiegħu trid illi "l-emendi magħmulin b'dan l-Att għall-Att prinċipali għandhom japplikaw malli jsiru liġi". Għalhekk sewwa jgħid l-Avukat Ġenerali li l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi l-liġi applikabbli hija dik li kienet fis-seħħ qabel l-emendi magħmula bl-Att XXXIII tal-2016, u l-konklużjonijiet tal-ewwel qorti msejsa fuq din il-konsiderazzjoni huma għalhekk irrelevanti. Li rridu naraw mela hu jekk id-disposizzjonijiet il-ġodda mdaħħla bl-Att XXXIII tal-2016 jagħtux garanziji xierqa ta' indipendenza u imparzjalità.

12. Dawn id-disposizzjonijiet dwar ħatra u tneħħija taċ-*chairperson* u l-membri tat-Tribunal Industrijali jinsabu fl-art. 73 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ["Kap.452"], kif emendat bl-Att XXXIII tal-2016, u fil-partijiet relevanti jgħidu hekk:

---

[1] Ara *e.g.* Bryan *v.* ir-Renju Unit, Q.E.D.B. 22 ta' Novembru 1995, rik. 19178/1991, para. 39 – 47.

»**73.** (1) Qiegħed b'dan jitwaqqaf tribunal li jkun magħruf bħala t-Tribunal Industrijali.

»(2) Il-Prim Ministru għandu jaħtar *panel* ta' mhux aktar minn ħmistax-il persuna biex jagħmluha ta' *chairpersons* tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, hekk iżda li -

»(*a*) għall-inqas tlieta mill-membri hekk maħtura jkunu avukati b'esperjenza ta' għall-inqas seba' snin;

»(*b*) dawn il-persuni jservu bħala *chairpersons* jew wara xulxin jew skont it-tqassim tad-dmirijiet u suġġetti għal dawk id-dispożizzjonijiet dwar rikuża u ċirkostanzi oħra, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

»(3) … … …

»(4) Fil-każi kollha koperti bl-artikolu 75[2], it-Tribunal ikun magħmul miċ-*chairperson* waħdu, iżda f'dawk il-każi koperti bl-artikolu 75(1)(*b*)[3] iċ-*chairperson* għandu jkun wieħed mill-membri maħtura skont is-subartikolu (2)(*a*).

»(5) … … …

»(6) (*a*) Iċ-*chairpersons* tat-Tribunal jinħatru mill-Prim Ministru għal perijodu ta' ħames snin.

»… … …

»(*d*) Il-Prim Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ineħħi membru minn fuq il-lista maħtura skont is-subartikolu (2), għal raġunijiet ta' mġiba ħażina pruvata, ineffiċjenza ċara, jew inkapaċità li jaqdi jew li taqdi l-funzjonijiet tiegħu jew tagħha kemm minħabba f'mard korporali jew mentali. Id-deċiżjoni għat-tneħħija ta' dak il-membru għandu jkun fiha raġunijiet u tkun soġġetta għal dritt ta' appell fuq punt ta' liġi kontra l-Prim Ministru lill-Qorti tal-Appell minn dak il-membru. … … …

»… … …

»(*f*) Iċ-*chairpersons* u l-membri tat-Tribunal jistgħu, meta ż-żmien tal-ħatra tagħhom, kemm jekk ikun l-ewwel wieħed u kemm jekk le, jintemm, jiġu maħtura mill-ġdid għal perijodu ieħor ta' ħames snin:

»Iżda l-ħatra mill-ġdid għandha, qabel ma ssir, tiġi proposta lill-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi u:

»(i) il-ħatra mill-ġdid ta' *chairperson* ma għandhiex issir jekk żewġ terzi tal-membri tal-Bord dwar ir-Relazz-jonijiet dwar l-Impiegi jkunu kontra dik il-ħatra mill-ġdid;

»… … …«

[2] Każi dwar tkeċċija inġusta, bħal fil-każ tallum.

[3] Każi dwar relazzjonijet dwar l-impiegi.

13. L-ewwel qorti sabet illi t-Tribunal Industrijali ma jagħtix garanziji biżżejjed ta' indipendenza u imparzjalità kemm f'dik illi hija l-ħatra u wkoll f'dik illi hija t-tneħħija taċ-*chairman*.

14. Dwar il-ħatra, sewwa jgħid l-Avukat Ġenerali fit-tieni aggravju tiegħu illi:

> »Illi l-ewwel qorti għalkemm fil-konsiderazzjonijiet tagħha ma sabitx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq naxxenti mill-ħatra ta' *chairperson* xorta waħda wieġbet lill-qorti referenti li hemm leżjoni naxxenti mill-mod kif *chairperson* jiġi maħtur.
>
> »Illi l-ewwel qorti waslet wieġbet għar-referenza li kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq naxxenti mill-ħatra taċ-*chairperson* u min-nuqqas ta' *security of tenure* taċ-*chairperson* tat-Tribunal Industrijali. Madankollu fl-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel qorti, l-istess qorti konstatat li ma hemm l-ebda leżjoni relativa għall-ħatra *per se* iżda li l-leżjoni kienet naxxenti mill-fatt li ma hemmx *security of tenure*.«

15. Fil-fatt l-ewwel qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha osservat illi:

> »Għalkemm il-liġi tikkontempla l-konsultazzjoni tal-Prim Ministru mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali qabel ma jaħtar xi *chairperson*, id-deċiżjoni finali tibqa' tal-Prim Ministru, li bħala Kap tal-Eżekuttiv jista' jaqbel jew ma jaqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tal-kunsill imsemmi fil-kors tal-konsultazzjonijiet bejniethom. *Per se*, dan mhuwhiex meqjus leżiv, tant li … huwa normali li l-eżekuttiv jaħtar il-membri tal-bord jew tat-tribunal hu stess.«

16. Sussegwentement, u b'kontradizzjoni ovvja ma' dan, iddeċidiet illi:

> »… issib li l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jikser id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta tqis:- (i) il-mod kif jinħatar *chairperson* tat-tribunal; u (ii) *security of tenure* ta' *chairperson* tat-tribunal«

17. Il-fatt illi ġudikant jinħatar mill-eżekuttiv ma jnaqqasx mill-indipendenza jew imparzjalità tiegħu sakemm ikollu garanziji kontra tneħħija

arbitrarja[4]. Lanqas il-possibilità ta' ħatra mill-ġdid ma tnaqqas mill-indipendenza u mill-imparzjalità[5], aktar u aktar meta tqis dak li jgħid l-art. 73(6)(*f*)(i) tal-Kap. 452, miġjub fuq.

18. Għalhekk, kemm għar-raġunijiet mogħtija minnha stess, u kemm għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-ewwel qorti ma kellhiex issib illi l-mod tal-ħatra taċ-*chairman* tat-Tribunal Industrijali jonqos milli jagħti garanziji ta' indipendenza u imparzjalità.

19. Fadal li nqisu issa t-tneħħija taċ-*chairperson.*

20. B'differenza mill-posizzjoni legali kif kienet qabel l-Att XXXIII tal-2016, id-disposizzjonijiet tal-art. 73 illum jagħtu garanziji ampji kontra tneħħija arbitrarja. Mhux biss it-tneħħija tista' ssir biss għal waħda jew aktar mir-raġunijiet elenkati fl-art. 73(6)(*d*) iżda wkoll id-deċiżjoni ta' tneħħija trid tkun motivata u hija soġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Ma jistax jingħad illi t-theddida ta' tneħħija arbitrarja tolqot ħażin l-indipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal Industrijali.

21. Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi t-tweġiba għar-referenza kostituzzjonali magħmula mill-Qorti tal-Appell għandha tkun illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità tat-Tribunal Industrijali.

---

4 Ara *e.g.* Campbell u Fell *v* ir-Renju Unit, Q.E.D.B., 28 ta' Ġunju 1984, rik.7819/1977, 7878/1977, para. 79; Clarke *v.* Ir-Renju Unit, Q.E.D.B. (deċ.), 25 ta' Awissu 2005, rik. 23965/2002.

5 Ara *e.g.* *Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et*, Kost. 29 ta' April 2016 para. 52.

22. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u, minflok, twieġeb għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Appell billi tgħid illi l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) ma jiksirx id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-artikolu 30(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, la fil-mod kif jinħatar *chairperson* tat-tribunal u lanqas fil-garanziji kontra tkeċċija arbitrarja ta' *chairperson* tat-tribunal

23. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell sabiex jitkompla s-smigħ tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali.

24. Billi l-liġi dwar il-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali nbidlet wara li saret ir-referenza mill-Qorti tal-Appell, huwa xieraq li l-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu bin-nofs bejn Spagnol u l-Avukat Ġenerali.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb